MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 5/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**v.**

**Adrian Debono**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Adrian Debono minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-11 ta’ Jannar 2010, li permezz taghha huwa gie kkundannat disa’ (9) xhur prigunerija, oltre li giet imposta fuqu interdizzjoni generali perpetwa.

**2.** Permezz ta’ att ta’ citazzjoni datat 11 ta’ Awwissu 2009, l-imsemmi Adrian Debono (bin Alfred u Iris nee Camilleri, imwieled fil-21 ta’ Dicembru 1961, detentur tal-karta tal-identita` nru 5862M) kien akkuzat talli f’dawn il-Gzjjer f’April 2009 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel (**i**) ikkorrompa lil

Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex l-imsemmi Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel; (**ii**) talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi assocja ruhhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u cioe` bil-ghan li jikkommetti truffa (art. 308 tal-Kap. 9) b'dan li l-qligh kellu jeccedi l-€2,329.37 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta; u aktar (**iii**) talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 *et seq.* tal-Kodici Kriminali b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 27 ta' Jannar 2005 u 5 ta' Novembru 2008.

**3.** Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2010, wara l-procedura ritwali tal-qari tal-imputazzjonijiet u tal-konferma taghhom bil-gurament da parti tal-ufficjal prosekutur, l-imputat Adrian Debono, fil-kors tal-ezami tieghu skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9, ammetta l-istess imputazzjonijiet, u ppersista f'din l-ammissjoni anke wara li gie solennement imwissi dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex, jekk irid, jitiraha.

**4.** Fl-imsemmija udjenza xehedu wkoll Joanne Hefney, mid-Dipartiment tal-VAT u l-Ispettur Gafa`. Wara li hekk xehedu, l-ewwel qorti ghaddiet ghas-sentenza taghha u, kif inghad, ikkundannat lill-imsemmi Debono disa' xhur prigunerija oltre interdizzjoni generali perpetwa.

**5.** Permezz ta' rikors prezentat fid-19 ta' Jannar 2010, l-imsemmi Adrian Debono qed jappella minn din is-sentenza, ovvjament limitatament ghall-piena. Huwa jikkontendi li l-piena ma kellhiex tkun ta' prigunerija effettiva jew li, fi kwalunkwe kaz, kellha tinghata xi forma ta' "piena" ohra, anke tenut kont il-fatt li l-appellant ammetta mal-ewwel u anke ikkopera mal-Pulizija. Ma jirrizultax, inoltre, li bhala fatt huwa lehaq ibbenefika mill-korruzzjoni tal-ufficjal pubbliku minnu mwettqa, fis sens li dak minnu dovut lid-Dipartiment tal-VAT (u li huwa haseb li ser "jinhafirlu" billi jghaddi flus lil impjegat fid-Dipartiment) ghadu fil-fatt hekk dovut. L-appell gie trattat fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2010.

**6.** Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-gravita` ta' dan il-kaz temana principalment mill-fatt li hawn si tratta ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. L-appellant accetta li jaghti €15,000 lil ufficjal pubbliku partikolari biex jinhafrulu 'l fuq minn €30,000 li huwa kellu jaghti bhala hlas ta' multi lid-Dipartiment imsemmi. Bhala fatt, pero`, lehaq hallas biss €500 bhala tixhim.

**7.** Dwar il-gravita` tar-reat ta' korruzzjoni (*bribery*) din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha fis-sentenzi taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et**, deciza fit-30 ta' Lulju 2009, u **Il-Pulizija v. Maurice Agius**, deciza fit-13 ta' Novembru 2009, u ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tirrepeti dak li nghad f'dawk is-sentenzi. Bizzejjed jinghad li ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni biss – cioe` dak ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku biex dan jonqos milli jaghmel dak li kien fi-dmir tieghu illi jaghmel (u ghalhekk apparti miz-zewg imputazzjonijiet l-ohra ta' assocjazzjoni ghall-finijiet ta' truffa u recidiva) il-piena principali stabbilita mill-ligi hija ta' prigunerija minn minimu ta' disa' xhur sa massimu ta' hames snin. Jigifieri, l-piena komminata mill-ewwel qorti kienet proprju fil-minimu taghha ghal dan ir-reat. Galadarba f'dan il-kaz ma sarx appell mill-Avukat Generali, din il-Qorti mhix imsejjha biex tghid jekk effettivament il-piena moghtija ghall-imputazzjonijiet kollha kienitx addirittura taht il-minimu; li tista' tghid fiz-zgur hu illi kieku l-appellant ma ammettiex mill-ewwel, il-piena kienet tkun ferm oghla.

**8.** Il-fedina penali tal-appellant turi li din mhux l-ewwel darba li "hawwad" fejn jidhlu flus u *business*. Inoltre, anke li kieku riedet l-ewwel qorti "tissospendi" l-piena ta' prigunerija erogata, f'dan il-kaz dan ma setghetx taghmlu, u dan minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali. L-appellant, allura imputat, kien recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, b'mod li sentenza sospiza hija eskluza. Kuntrarjament ghal dak li pprova jargumenta l-abbili difensur tal-appellant, ir-reat ta' min jonqos milli jhallas dak minnu dovut, jew fiz-zmien li jkun dovut, bhala VAT huwa reat doluz u mhux kolpuz, u

ghalhekk ma jaqax taht l-eccezzjoni kontemplata fl-Artikolu 53 tal-Kap. 9

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-pubblikazzjoni ordnata mill-ewwel qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------